# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 11**

**Cit. Nru. 817/01(F1) GCD**

**Auto Sales Limited**

**Vs**

**Constantino Balzan u Ronnie Micallef**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici fis-somma komplessiva ta' elf sitt mija tlieta u erbghin liri Maltin u hames centezmi (Lm1,643.05) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' diversi kambjalijiet skaduti (Dokumenti 1 sa 15 annessi mac-citazzjoni);

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur nomine pprezenta affidavit guramentat skond l-artikolu 167(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok. B);

Illi avolja interpellati biex ihallsu dan l-ammont, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ma hallsu xejn;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf sitt mija tlieta u erbghin liri Maltin u hames centezmi (Lm1,643.05) komplessivament dovut skond kambjalijiet skaduti kif fuq spjegat bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 5 ta' Ottubru 1999 u 12 ta' Frar 2001 indirizzati lil Constantino Balzan u tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Marzu 2001 indirizzata lil Constantino Balzan u lil Ronnie Micallef bl-interessi legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenuti.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Dr. Philip Manduca u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut Micallef baqa' ma deherx biex juri ragunijiet ghala l-kawza ma tinqatax bid-dispensa tas-smigh.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni ukoll kontra l-konvenut Micallef, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm